

Brussell, 21 ta' Jannar 2020  
(OR. en)

5351/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0235(NLE)**

---

**PECHE 23**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

---

1. Fl-24 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-kwantitajiet massimi ta' sajd għall-2020 għal stokkijiet speċifiċi.
2. Il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċedura u l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali mhumiex meħtieġa (l-Artikolu 43.3 TFUE).
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd eżamina l-proposta tal-Kummissjoni<sup>1</sup> u d-dokumenti informali<sup>2</sup> fil-laqgħat tiegħu bejn il-31 ta' Ottubru u l-5 ta' Diċembru 2019. Dokumenti informali addizzjonali<sup>3</sup> tal-Kummissjoni ġew ippreżentati lill-Kunsill bejn id-9 u s-17 ta' Diċembru 2019.

---

<sup>1</sup> id-dokument 13438/19 + ADD 1 - 2

<sup>2</sup> id-dokumenti 13761/19, 14385/19, 14558/19, 14724/19 u 14767/19

<sup>3</sup> id-dokumenti 14947/19, 1514619, 15166/19 u 15198/19

4. Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħejja l-punt billi indirizza l-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jinstab qbil politiku fil-Kunsill.
  5. Il-Kunsill Agrikoltura u Sajd laħaq qbil politiku fis-sessjoni tiegħu tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2019.
  6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex fis-sessjoni tiegħu tas-27 ta' Jannar 2020 jadotta r-Regolament kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti fid-dokumenti 15319/19 + ADD 1-2 u jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet kif jidhru fid-dokument 5186/2020.
-